MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru 937/2004

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud
Spettur Josric Mifsud)

vs

Francis Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Francis Grech detentur ta' karta ta' identita' numru 535565(M), akkuzat talli nhar is-27 ta' Ottubru 2004, ghal habta tat-8.00pm, gewwa l-Belt Valletta:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Richard Anthony Whitlock ta' nazzjonalita' Ingliza f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna jew igibilha disordni f'mohhha, wera dan il-

hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi xejjer diversi daqqiet ta' ponn lejn il-partijiet vitali tal-gisem u ta' l-imsemmi Whitlock;
2. fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ikkommetta offizi gravi fuq il-persuni ta' l-imsemmija Richard Whitlock liema offizi jgibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq;
3. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jisraq basket ghad-detriment ta' Richard Anthony Whitlock wera dan il-hsieb b'atti esterni billi ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan bi ksur tal-Artikolu 261(f);
4. fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;
5. sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta moghtija fit-13 ta' April 2000 u sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija fis-16 ta' Lulju 2003.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom irrimanda l-atti quddiem din il-Qorti biex tiggudika lill-imputat dwar il-htija o meno tieghu skond l-akkuzi.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda x'tipproduci u l-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' minn dina l-Qorti;

Ezaminat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma li fid-data u hin indikati l-imputat hu allegat li hebb ghal kopja anzjana gewwa l-Belt bl-intenzjoni li jisraqhom. Jinghad fil-fatt li l-imputat issara mar-ragel bl-intenzjoni li johodlu l-borsa li kellu f'idu u li kienet tikkontjeni flus u dokumenti personali izda li ma irnexxilux jiehu, kemm minhabba l-opposizzjoni

li offra l-anzjan u kemm l-intervent ta’ polizjott libes pajzan. L-imputat hu effettivament mixli ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali ta’ attentat ta’ ferita gravi fuq il-persuna, li kkaguna offiza gravi, ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-hin, bir-recidiva u b’offizi kontravenzjonali li qal kliem indecenti fil-pubbliku u dagha.

Mill-provi johrog esawrientement car fuq l-iskorta tax-xhieda tal-mara anzjana u l-kuntestabbli li kien proprju l-imputat l-awtur ta’ dan l-att ipperpettwat kontra z-zewg anzjani. Kwindi hu ghandu jinstab hati kif fil-fatt sejjer jinstab hati tal-attentat ta’ ferita gravi u l-attentat ta’ serq. Li ma jirrisultax, ghaliex mhux sostanzjat bil-provi, hu l-fatt tar-recidiva u wkoll tal-offizi kontravenzjonali. Lanqas ma jinsab pruvat li l-feriti li sofrew l-anzjani kienu ta’ natura gravi u dan kemm mill-provi u kemm fl-ambitu tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali. Madanakollu jirrisulta li gew ikkagunati feriti hfief.

Dwar il-piena din l-Qorti ma tistax titraskura, anka wara li kkunsidrat ir-rapport imhejji mill-ufficjal tal-probation, li r-reati fid-dawl tal-metodu tat-twettiq taghhom kien wiehed serju li jisthoqq piena karcerarja effettiva. Izda mill-banda l-ohra lanqas tista’ tmur kontra l-konvinzjoni ferma taghha li l-imputat illum biddel kompletament l-istil tal-hajja tieghu, sab xoghol reditizzju, u ghandu familja li qieghed jiehu hsiebha kif inhu xieraq.

Ghaldaqstant u minhabba f’dawn ic-cirkostanzi wara li rat l-artikolu 41(1)(a), 221, 261, 261(f), 270, 281 u 17 tal-Kap 9 issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti izda minflokk piena karcerarja qeghdha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum sabiex taghti l-ahhar opportunita’ lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------